MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 583/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**E & M Meat Products Limited (C-11740) u b'digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2012 gie kjamat in kawza Saviour Mizzi (ID-217977 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija hamsa u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu tal-ewro (€1,375.54c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz/i ta' kommunikazzjoni numru tal-kont A/C50432654 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 3 ta' Frar, 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi qed tikkontesta t-talbiet attrici u teccepixxi li l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut mill-esponenti u dan *stante* li kwalsiasi hlasijiet li seta' qatt kien hemm dovuti kienu gew imhallsa, u dan kif se jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Illi b'zieda ma' dan tezisti prova cara li l-ammont mitlub diga' gie mhallas mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' attrici, u dan *stante* illi kien sar *porting* minn mal-linja GO ghal ma' linja ohra; Illi certament tali *porting* qatt ma kien ikun possibbli li jsir kieku ghad hemm xi hlasijiet li huma pendenti; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tan-Nota fl-atti ta' l-ittra ufficjali 282/11, ipprezentata fit-23 ta' Frar, 2011.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2012, fejn is-socjeta' attrici talbet illi jigi kjamat in kawza Saviour Mizzi (ID-217977-M), liema talba giet milqugha.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza li permezz taghha eccepixxa illi hu ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob hlas tas-somma mertu ta’ din il-kawza in konnessjoni ma’ servizz ta’ kommunikazzjoni relattiv ghall-akkont numru 50432654. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici pprezentat erba’-(4) fatturi, li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta’ Frar, 2009 sal-31 ta’ Ottubru, 2009. Illi tali servizz beda jigi pprovdut mis-socjeta’ attrici in segwitu ghal kuntratt li gie ffirmat mir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, Martin Mizzi, datat 5 ta’ Ottubru, 2007. Illi dan il-kuntratt kellu validita’ ta’ sentejn.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kkonfermat illi s-socjeta’ konvenuta ma baqghetx taghmel uzu mis-servizzi tal-istess socjeta’ konvenuta wara li kien sar *porting* tas-servizz ghal ma’ *service provider* ohra, liema process sar f’Ottubru, 2009. Ikkonfermat illi bhala regola, qabel ma jsir tali *porting*, il-klijent ikun mehtieg li jwettaq il-hlas ta’ kull pendenzi li jkollu mas-socjeta’ attrici, u ghalhekk jigi saldat kull debitu li l-klijent ikollu mas-socjeta’ attrici; pero’ ddikjarat ukoll illi eccezjonalment, il-*porting* isir qabel ma jigi mwettaq tali hlas, bhal ma fil-fatt gara fil-kaz in ezami. Iddikjarat ukoll illi n-numru 79457007 kien ghadu attiv fiz-zmien meta tat ix-xhieda taghha.

Illi r-rapprezentat tas-socjeta’ konvenuta kkonferma li ffirma kuntratt mas-socjeta’ attrici sabiex din tal-ahhar tipprovdi servizz ta’ telekommunikazzjoni, liema kuntratt kien datat 5 ta’ Ottubru, 2007, u ddikjara wkoll li gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument, li kopja tieghu tinsab a fol. 19 tal-atti. Iddikjara wkoll illi d-dettalji tal-klijent u l-firma li jirrizultaw mid-dokument li kopja tieghu tinsab ezebita a fol.15 tal-atti m’humiex tieghu; madanakollu, iddikjara wkoll illi jaghrafhom bhala dawk ta’ impjegat tas-socjeta’ konvenuta, li madanakollu, ma kienx ghadu jahdem mal-istess socjeta’ konvenuta. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjara illi nqalghu xi diffikultajiet fil-kwalita’ tas-servizz li s-socjeta’ attrici kienet qeghdha tipprovdi lis-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk iddecida li jittrasferixxi s-servizz ghal ma’ *service provider* iehor. Illi qabel ma sar il-*porting* tas-servizz, wettaq hlas lis-socjeta’ attrici – u dan permezz ta’ cheque datat 24 ta’ Ottubru, 2009 fl-ammont ta’ sitt mija u disa’ ewro u tmienja u disghin centezmu tal-ewro (€609.98c) in bazi ta’ rendikont

rilaxxjat mis-socjeta' attrici  tal-kontijiet li kien hemm pendenti u dovuti mis-socjeta' konvenuta.  Illi meta gie mwettaq tali hlas, dan kien qed isir ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici.  Illi t-trasferiment tas-servizz minn mas-socjeta' attrici ghal ma' *service provider* iehor kien ta' erba'-(4) numri cellulari, u mas-*service provider* il-gdid, zied zewg numri godda ohra.

Illi l-kjamat in kawza xehed u ddikjara illi d-dettalji personali u firma rizultanti mid-dokument li l-kopja tieghu tinsab a fol.15 tal-atti huma effettivament tieghu.  Hu ddikjara illi applika ghas-servizz mas-socjeta' konvenuta fis-sena 2005, izda dan is-servizz waqqfu fid-19 ta' April, 2006.  Xehed illi jiftakar id-data bi precizjoni ghaliex ghamel il-verifiki tieghu mas-socjeta' attrici, u sab ir-ricevuta rilaxxjata mill-istess socjeta' attrici.  Xehed illi dan il-kuntratt jiftakar li ffirmah fl-ufficini tas-socjeta' konvenuta, fejn hu kien impjegat dak iz-zmien.  Illi sussegwentement, u cioe' fis-sena 2010, hu rega' applika mill-gdid mas-socjeta' attrici sabiex jinghata mill-gdid servizz ta' telekommunikazzjoni, u fil-fatt sad-data ta' meta xehed f'dawn il-proceduri, hu kien ghadu rregistrat u klijent tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti li gewipprezentati mis-socjeta' attrici jirrizulta illi s-socjeta' attrici ffirmat kuntratt mar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta sabiex tibda tipprovdi servizz ta' telekommunikazzjoni, u dan kif jirrizulta mill-ftehim datat 5 ta' Ottubru, 2007.  Illi dan il-kuntratt kien japplika ghal diversi numri tat-*telephone*, u aktar specifikament in-numri 79492363, 79492364, 79492362 u 79492365.  Illi tali servizz baqa' jigi *rez* mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta sakemm sar *porting* tas-servizz ma' *service provider* iehor.  Illi qabel ma sar tali *porting*, is-socjeta' konvenuta wettqet hlas lis-socjeta' attrici in bazi ta' fattura datata 30 ta' Settembru, 2009, u dan fl-ammont ta' sitt mija u disa' ewro u tmienja u disghin centezmu tal-ewro (€609.98c).

Illi mill-atti rrizulta wkoll illi l-kjamat in kawza wkoll ffirma kuntratt mas-socjeta’ attrici, u dan wkoll ghal servizz ta’ telekommunikazzjoni, u dan kif jirrizulta minn ftehim datat 4 ta’ April, 2005. Tali servizz kien qed jigi pprovdut fuq in-numru 79457007. Illi skont id-deposizzjoni moghtija mill-kjamat in kawza, dan is-servizz gie terminat minnu fl-2006, izda rega’ gie riattivat fl-2010, u kien ghadu fis-sehh.

Illi ghalkemm fl-Avviz tat-Talba u waqt id-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici saret referenza ghan-numru tal-kont 50432654, mill-fatturi li gew ipprezentati f’dawn l-atti, jidher illi n-numru tal-kont tas-socjeta’ konvenuta huwa 1002239, filwaqt illi mill-atti ma jirrizultax x’kien, u x’inhu fil-prezent in-numru tal-kont tal-kjamat in kawza. Illi ghalhekk f’dan ir-rigward jidher illi hemm xi malintiz jew informazzjoni zbaljata.

Illi madanakollu, mill-atti jirrizulta wkoll illi ghalkemm huwa minnu illi sar *porting* tas-servizz ta’ telekomunikazzjoni li s-socjeta’ attrici kienet tipprovdi lis-socjeta’ konvenuta ghal fuq *third party service provider*, jidher pero’ illi tali *porting* sar b’effett mit-28 ta’ Ottubru, 2009 tal-erba’-(4) numri tat-telephone li s-socjeta’ konvenuta kellha rregistrati mas-socjeta’ konvenuta, u cioe’ n-numri 79492363, 79492362, 79492364 u 79492365. Illi tali stat ta’ fatt jirrizulta mill-e-mail li giet ipprezentata mir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, kopja ta’ liema e-mail datata 16 ta’ Settembru, 2011 rilaxxjata mit-*third party service provider* tinsab ezebita a fol.30 tal-atti. Illi ghalhekk jidher illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta wettqet hlas ghas-servizz li kienet qeghdha tipprovdi s-socjeta’ attrici, dan ma sarx ghall-ammont kollu dovut, ghaliex effettivament is-socjeta’ konvenuta baqghet taghmel uzu mis-servizz tas-socjeta’ attrici sakemm il-linji tat-telephone li kienu attivi gew “*successfully ported*” ghal fuq it-*third party service provider*.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jsostni illi meta kien ser isir il-*porting*, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ma kienitx ser tibqa’ taghmel uzu mis-servizz tas-socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta wettqet il-hlas tal-kont li

nhareg fl-ahhar ta' Settembru, 2009, u dan bl-intendiment illi kien qed jigi saldat kull debitu li s-socjeta' konvenuta kellha mas-socjeta' attrici. Illi mid-dokumenti li jinsabu in atti jirrizulta illi meta s-socjeta' konvenuta wettqet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u disa' ewro u tmienja u disghin centezmu tal-ewro (€609.98c), dan kien in bazi ta' fattura datata 30 ta' Settembru, 2009, liema fattura kienet tkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2009 sal-31 ta' Awwissu, 2009, u dan fl-ammont ta' mitejn u disgha u disghin ewro u tmien centezmi tal-ewro (€299.08c), filwaqt illi d-differenza jidher li tirraprezenta xi arretrati relattivi ghal kont, jew kontijiet precedenti.

Illi in forza ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta ta' ammonti rizultanti minn erba'-(4) fatturi, li jkopru perjodi differenti, u cioe' mill-1 ta' Frar, 2009 sat-28 ta' Frar, 2009, u dan permezz ta' fattura datata 12 ta' Marzu, 2009; bejn l-1 ta' Marzu, 2009 sal-31 ta' Marzu, 2009, u dan permezz ta' fattura datata 9 ta' April, 2009; bejn l-1 ta' Settembru, 2009 sat-30 ta' Settembru, 2009, permezz ta' fattura datata 5 ta' Novembru, 2009; u bejn l-1 ta' Ottubru, 2009 sal-31 ta' Ottubru, 2009, permezz ta' fattura datata 26 ta' Novembru, 2009. Illi tul dan il-perjodu kollu, is-socjeta' konvenuta kienet ghadha qed taghmel uzu mis-servizz ta' telefonija tas-socjeta' attrici, ghaliex kif jirrizulta mill-email datata 16 ta' Settembru, 2011 (a fol.30 tal-atti) li ghaliha saret referenza aktar 'l fuq, il-*porting* gie mwettaq b'success fit-28 ta' Ottubru, 2009. Illi fl-ebda waqt fid-deposizzjoni tieghu r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta indika jew allega illi fiz-zmien qabel ma sar il-*porting* is-servizz ta' telefonija kien gie mwaqqaf jew sospiz mis-socjeta' attrici; illi jsegwi, ghalhekk, illi sakemm effettivament sar il-*porting*, is-socjeta' konvenuta kienet baqghet taghmel uzu mis-servizz tas-socjeta' attrici.

Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova, *ossia* ricevuti, sabiex turi li gie mwettaq il-hlas tal-fatturi mertu ta' din il-kawza, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni illi allura dawn il-fatturi ghadhom pendenti. Bhal ma s-socjeta' konvenuta kellha ricevuta ghall-fattura datata 30 ta' Settembru, 2009, kemm-il darba

dawk il-fatturi mertu ta’ din l-azzjoni kienu gew imhallsa minnha, allura sigurament illi kienu jigu pprezentati wkoll tali ricevuti. Illi fl-assenza ta’ tali prova, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont reklamat huwa effettivament dovut mis-socjeta’ konvenuta.

Illi f’dak li jirrigwarda l-kjamat in kawza, jidher illi s-socjeta’ attrici holqot mal-intiz meta pprezentat il-kuntratt li gie ffirmat mill-kjamat in kawza, u dan ghaliex il-kjamat in kawza ma kellu ebda konnessjoni mal-pendenzi mertu ta’ din il-kawza, anke ghaliex in-numru tat-*telephone* tal-kjamat in kawza – 79457007 – huwa differenti mill-erba’-(4) numri li kienet qeghdha taghmel uzu minnhom is-socjeta’ konvenuta, oltre illi dak in-numru rregistrat f’isem il-kjamat in kawza ghadu attiv – u dan ghaliex kif spjega l-istess kjamat in kawza rega’ dahal f’kuntratt gdid mas-socjeta’ attrici fl-2010 u ghadu attiva sal-lum – filwaqt illi dawk in-numri li jintuzaw mis-socjeta’ konvenuta gew trasferiti ghal ghand *service provider* differenti. Illi jsegwi ghalhekk illi l-kjamat in kawza ma ghandu ebda konnessjoni mal-ammont dovut mertu ta’ din l-azzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-kjamat in kawza u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, u jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija hamsa u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu tal-ewro (€1,375.54c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez tas-socjeta’ attrici jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta, filwaqt illi l-ispejjez tal-kjamat in kawza jkunu a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------